# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 915/2010 AE**

**Middlesea Insurance plc (C5553) illum Mapfre Middlesea p.l.c.**

**v.**

**Spot On Gypsum Limited (C17199)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentatipprezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Settembru, 2010, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi fit-30 ta' Awissu 2008 sehh incident fil-lukanda Radisson Golden Sands Resort, f'Ghajn Tuffieha meta bicca gypsum cornice (ceiling coving) waqghet mis-saqaf tal-kamra ta' l-istess lukanda fejn kien allogjat Malcolm Rogerson, u billi giet fuq ghajnejh waqt li kien rieqed, korriet lill-istess Malcolm Rogerson;
>
> "2. Illi dan il-gypsum (ceiling coving) gie installat mis-socjeta' konvenuta;

“3. Illi b’rizultat ta’ dan l-incident Malcolm Rogerson sofra d-danni, ghal-liema danni kellha taghmel tajjeb is-socjeta’ attrici Middlesea Insurance plc li giet issurogata fid-drittijiet ta’ l-istess Malcolm Rogerson sija bil-ligi kif ukoll bid-discharge and subrogation form relattiv (Dok. MS1);

“4. Illi fil-fatt is-socjeta’ attrici Middlesea Insurance plc hallset lil Malcolm Rogerson is-somma ta’ tnax-il elf mitejn sebgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmi (EUR 12,277.47) [ekwivalenti ghal STG 10,000 meta sar il-hlas] ghad-danni minnu sofferti fl-incident fuq imsemmi;

“5. Illi l-incident fuq imsemmi u d-danni konsegwenzjali sehhew unikament bi htija ta’ negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ diligenza da parti tas-socjeta’ konvenuta fl-esekuzzjoni tax-xoghol tal-gypsum illi hija ghamlet fl-istess lukanda u/jew xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti da parti taghha u ghal-liema danni s-socjeta’ konvenuta hija ghalhekk responsabbli skond il-ligi;

“6. Illi minkejja illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata thallas id-danni lis-socjeta’ attrici anki permezz ta’ ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2010 (Dok. MS2), is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

“7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Ghalhekk l-attrici talbet lill-qorti sabiex:

“1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li sehh fil-lukanda Radisson Golden Sands Resort, f’Ghajn Tuffieha, f’liema incident korra Malcolm Rogerson u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess Malcolm Rogerson li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici;

“2) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mhallsa mis-socjeta’ attrici lil Malcolm Rogerson ghad-danni minnu sofferti fl-incident fuq imsemmi, u ghal-liema somma s-socjeta’ attrici tinstab llum ssurrogata;

“3) tikkundanna ghalhekk lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tnax il-elf mitejn sebgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmi (EUR 12,277.47) jew somma verjuri lis-socjeta’ attrici; bl-imghax legali fuq din is-somma mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2010 u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.”

2. Rat ir-risposta guramentata pprezentata mis-socjeta` konvenuta fl-14 ta’ Ottubru, 2010, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti socjeta' tirrispingi kwalsiasi responsabilita' ghall-allegati danni stante li huma ma kkawzaw ebda hsarat lil Malcolm Rogerson;

"2. Illi x-xoghol minnhom interkors fir-Radisson Golden Sands Resort, f'Ghajn Tuffieha, sar skond is-sengha u l-arti u dan kif anki certifikat mill-Perit tal-Progett tal-lukanda in kwistjoni wara li ghadda id-'Defects Liability Period';

"3. Illi l-hsarat allegati ma sarux b'tort tas-socjeta' esponenti u ghandhom jigu indirizzati semmai lil min huwa responsabbli u cioe' l-imsemmija lukanda;

"4. Illi jrid ukoll jigu ppruvati d-danni allegatament sofferti minn Malcolm Rogerson;

"5. Illi ma hemm ebda relazzjoni diretta bejn il-hsarat sofferti allegatament minn Malcolm Rogerson u l-intimata socjeta' u skond il-principji generali tad-danni akwiljani, wahda mill-elementi fis-sejba tar-responsabilita' tad-danni hija illi d-danni ghandhom ikunu diretti u mhux indiretti;

"6. Illi l-hsarat li talvolta seta' sofra Malcolm Rogerson ma kinux minhabba x-xoghol minnhom interkors li gie lilhom certifikat bhala tajjeb u skond is-sengha u l-arti izda semmai ghal ragunijiet ohra estranei ghall-intimati;

"7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba, l-esponenti socjeta' qed tikkontesta l-ammont imhallas mis-socjeta' attrici filwaqt li s-socjeta' esponenti mhijiex responsabbli ghal kull ammont unilateralment deciz, stabbilit u mhallas mis-socjeta' attrici;

"8. Illi inoltre Malcolm Rogerson innifsu fl-ittra tieghu datata 8 ta' Settembru 2008 (Dok A) indirizzata lil Radisson SAS Golden Sands Resort & Spa, jallega nuqqas ta' ezami serju min-nies medici fil-klinika u fl-isptar maltin;

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc ingunta in subizzjoni."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, filwaqt li ddikjarat li s-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghall-incident li sehh fit-30 ta' Awwissu, 2008, fil-kamra numru 2630 tal-lukanda Radisson Golden

Sands Resort, meta waqghet parti minn *coving* minn mas-saqaf u laqtet lil Malcolm Rogerson, cahdet il-kumplament tat-talbiet attrici gialadarba m'hemmx prova li Rogerson sofra danni. Spejjez a karigu tas-socjeta` attrici.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. Il-kawza titratta dwar hlas li l-attrici ghamlet lil Malcolm Rogerson wara li allega li qal li kien sofra danni waqt li kien qieghed joqghod ghal xi granet fil-lukanda Radisson Golden Sands, Ghajn Tuffieha meta fit-30 ta' Awissu 2008 mis-saqaf waqghet bicca *gypsum cornice* u laqtitu f'wiccu. L-attrici kienet harget *public liability insurance policy* favur is-sidien tal-lukanda u waslet fi ftehim ma' Rogerson billi hallsitu s-somma ta' €12,277.47[1]. Mal-hlas giet surrogata fid-drittijiet tieghu. L-attrici ssostni li l-*gypsum cornice* twahhal mill-konvenuta u d-danni graw minhabba xoghol hazin li ghamlet il-konvenuta u ghaldaqstant ghandha taghmel tajjeb ghad-danni.
>
> "2. Jirrizulta li Golden Sands Resort Limited kienet tat appalt lis-socjeta konvenuta sabiex isir xoghol ta' Gypsum fil-lukanda Golden Sands Resort, Ghajn Tuffieha. L-Inginier Raymond Vassallo xehed:-
> "*Nghid illi l-kumpannija Spot On Gypsum Limited kienet giet inkarigata mill-lukanda sabiex tinstalla l-gypsum coving, gypsum walls u gypsum soffits fil-kmamar tal-lukanda kif ukoll fl-areas pubblici tal-lukanda. Kien sar kuntratt ma' Spot On Gypsum Limited sabiex isiru x-xogholijiet*" (fol. 102).
>
> "3. Waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru l-qorti nnominat lill-perit Mario Cassar sabiex jirrelata dwar il-kaz. Fir-rapport qal (fol. 139):-
>
> "*a) Illi gie ppruvat bi probabilita kbira illi l-coving fejn sehh l-incident kien xoghol tas-socjeta konvenuta. Ir-responsabilita kuntrattwali ta' bejn il-partijiet ma gietx ikkunsidrata mill-esponent ghaliex din tikkostitwixxi punt legali……*
> *"c) Illi gie ppruvat illi parti mill-cornices kienu ghadhom ma nixfux meta twahhl, u l-coving li waqghet ma kellix kolla maghha li tindika illi l-istess kienet niexfa qoxqox, jew kienet ixxrinkjat meta nixfet u b'hekk qatghet minn mal-kolla.*

[1] Ara dokumenti a fol. 5 u 76.

*d) Illi wara l-incident tat-30 ta' Awissu 2008 il-klijent ta struzzjonijiet illi l-covings kellhom jitwahhlu wkoll bil-viti, oltre l-kolla. Dan fil-fehma tal-esponent kellu jkun attwat mill-bidunett tat-twahhil tal-covings*".

"4. Il-konvenuta tpoggi fid-dubju jekk il-coving li waqa' kienx twahhal minnha. Fil-fatt Anthony Abela xehed li wara li tlesta x-xoghol, *"…. L-istorekeeper tal-lukanda Radisson Golden Sands kien xtara minn ghandna madwar 167 metru ta' coving pero dan ma kienx twahhal minn Spot On u ghalhekk jien insaqsi fejn twahhlu dawn il-metri kollha ta' coving u minn min? Mill-informazzjoni li ghandi dawn twahhlu min-nies imqabbdin mill-lukanda stess". In kontro-ezami xehed: "Ma nafx nghid jekk l-incident mertu tal-kaz sarx f'kamra illi kont hdimt fiha jien, jew is-subcontractor li qabbad l-owner"* (fol. 147)[2]
Madankollu jirrizulta li wara l-incident il-konvenuta giet infurmata b'dak li kien gara u ttiehdet id-decizjoni li l-coving ta' fuq is-sodod jintrabat bil-viti. Sahansitra f'email datata 6 ta' Lulju 2009 li ntbaghtet lill-konvenuta, jinghad: "*There seems to be a problem again with the adhesion of the coving*" (fol. 214). Fuq bazi ta' probabilta li kieku l-coving li waqa' fil-kamra in kwistjoni ma sarx mill-konvenuta, kienet taghmel il-posizzjoni taghha cara sa mill-bidunett.

"5. Anthony Abela, direttur tal-konvenuta, xehed li l-ikbar ghadu tal-coving hu d-dhul tal-ilma u li fil-kmamar tal-lukanda kien dahal hafna ilma mis-soqfa. Qal li problema ohra kienet settlement tal-binja. Pero:

i. M'hemmx prova li minn fejn waqa' l-coving kien dahal l-ilma. Sahansitra lanqas m'hemm prova li l-kamra 2630[3] kienet fl-ahhar sular jew fuq il-kamra kien hemm terrazzin.
ii. Il-qorti hi tal-fehma li kieku l-coving waqa' minhabba li l-bini kien qieghed jistrieh, ir-raguni tghidlek li l-kolla kienet tibqa' mal-coving. Pero' skond l-Inginier Vassallo il-bicca coving li waqghet ma kellix kolla maghha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta qalet ukoll li fil-kamra sovrastanti l-kamra 2630 sar xoghol strutturali. Skond il-konvenuta:
"*Dan hu aspett iehor importanti li jista' jispjega x'gara u ghaliex*".
M'hemmx provi li jindikaw li l-coving waqa' minhabba xoghol strutturali f'kmamar ohra. L-argument tal-konvenut hu bazat fuq incertezza.

"6. Skond l-inginier Raymond Vassallo kien ra l-coving li kien waqa' mis-saqaf u:

[2] Ara wkoll x'qal Jesmond Abela, direttur iehor tas-socjeta konvenuta (fol. 164).
[3] Il-kamra fejn sehh l-incident.

*"…. rajt li ma' din il-coving ma kienx hemm kolla mwahhla. Dan ifisser illi l-problema ta' adhesion kienet bejn il-gypsum coving u l-kolla u mhux bejn il-hajt u l-kolla*" (fol. 102).

"Ghall-qorti hu evidenti li waqt ix-xoghol tat-twahhil tal-coving gara xi haga li wassal biex zmien wara bicca coving inqatghet minn mal-kolla u waqghet fuq Rogerson li kien fis-sodda. Ir-responsabbilta hi tal-konvenuta gialadarba x-xoghol sar minnha. 'Il fatt wahdu li l-coving nqata' minn mal-kolla hu prova li f'dik il-parti sar xoghol hazin. Ghall-qorti dan ifisser li l-kolla ma kienx qabad sew mal-coving. M'hemmx prova li l-kolla kienet difettuza jew li kien hemm xi raguni estranja mix-xoghol li wettqet il-konvenuta li wasslet biex taqa' bicca mill-coving. Hu veru li fl-4 ta' Jannar 2006 il-perit inkarigat mill-progett hareg certifikat "*Of Practical Completion*", pero' b'daqshekk din m'hijiex xi garanzija li kull fejn sar xoghol ta' gypsum sar sew.

"7. Il-konvenuta ghamlet riferenza ghal fatt li d-*Defects Liability Period* kien skada fil-5 ta' Jannar 2007. Pero' dan m'huwiex rilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza. Il-kontendenti ma kellhomx relazzjoni kuntrattwali. L-azzjoni tal-attrici tista' biss tirnexxi taht il-provvedimenti tal-kwazi-delitt.

"8. Fit-twegiba guramentata l-konvenuta semmiet ukoll li Malcolm Rogerson f'ittra datata 8 ta' Settembru 2009 (fol. 19) kien semma li ma kienx sarlu ezami mediku serju fil-klinika fejn dakinhar tal-incident gie rikoverat. Pero' din kienet biss allegazzjoni u m'hemmx xi prova li Rogerson sofra xi danni minhabba l-kura li nghata fil-poliklinikk tal-Mosta.

"9. L-attrici tippretendi hlas ta' €12,277.47 li jirrizulta li hallset lil Rogerson bhala kumpens. B'ittra legali datata 23 ta' Settembru 2008 (fol. 34) Rogerson ghamel claim ghall-hlas ta' danni in konnessjoni mal-incident li sehh fit-30 ta' Awissu 2008. Min-naha tal-attrici talbet li tinghata dettalji dwar il-claim ta' Rogerson[4]. Sussegwentment permezz ta' ittra datata 31 ta' Ottubru 2008 (fol. 39) l-attrici giet infurmata li Rogerson ma kienx qieghed imur ix-xoghol u mit-8 ta' Settembru sat-3 ta' Ottubru 2008 kien tilef madwar £8,600, filwaqt li bejn is-6 ta' Ottubru u 31 ta' Ottubru 2008 tilef madwar £8,500. Baqghet tigi skambjata l-korrispondenza u kien hemm qbil li Rogerson jigi ezaminat minn specjalist. B'ittra datata 10 ta' Marzu 2010 (fol. 55) Rogerson talab il-hlas ta' £21,262.26 li minnhom £10,000 jirreferu ghal telf ta' qliegh fil-perjodu Settembru sa Dicembru 2008 u £10,000 minhabba *brain injury of concussive type* skond certifikat ta' specjalist li ezaminah.

[4] Ara ittra datata 7 ta' Ottubru 2008 (fol. 36).

"Il-qorti fehmet li l-attrici pproponiet dawn il-proceduri bhala surrogata fid-drittijiet ta' Rogerson. Fil-fatt fir-rikors guramentat iddikjarat li giet surrogata fid-drittijiet ta' Rogerson u f'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghad-dikjarazzjoni li ffirma (fol. 5) u fejn hemm dikjarat:-

"*In consideration of such payment I place on record that Middlesea Insurance plc becomes subrogated to all my rights and remedies in respect of the subject matter insured in accordance with the laws of Malta*".

"Sahansitra fit-tieni talba l-attrici talbet dikjarazzjoni li s-socjeta konvenuta ghandha thallas ghad-danni li sofra Rogerson, *"… u ghal liema somma s-socjeta attrici tinstab illum surrogata*" (fol. 2).

"Fic-cirkostanzi sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi trid tinghata prova li Rogerson sofra danni[5]. M'huwiex bizzejjed li l-attrici taghti prova li hallset is-somma ta' £10,000 lil Rogerson. Il-hlas ta' £10,000 hu hlas li sar wara li l-attrici ddecidiet li taghlaq 'il kwistjoni bonarjament. Jidher li min-naha tal-attrici kien hemm 'il biza' li l-ispejjez kienu ser jizdiedu jekk ma tasalx fi ftehim. Pero' d-decizjoni tal-attrici m'hijiex prova li Rogerson sofra d-danni. Ghalkemm l-attrici qalet li ghandha esperjenza vasta f'materji bhal dawn[6], il-qorti ma tiddecidix il-kawzi fuq l-esperjenza li ghandha parti izda fuq il-provi li jressqu l-partijiet.

"Skond l-Artikolu 559 tal-Kap. 12:

"*Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista ggib*".

"F'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-attrici ghamlet l-ahjar prova. Il-konvenuta hi konfrontata b'sett ta' dokumenti li ma gewx konfermati bil-gurament. Hawn il-qorti qeghda tirreferi principalment ghad-dokumenti li jikkonstitu:

"i. F'certifikati medici ta' certu Dr William F. Durward u Dr John Higgon;

"ii. Ittra li fiha jissemma qliegh li jinghad li Rogerson kellu fil-perjodu bejn l-4 ta' Gunju 2007 sat-13 ta' Marzu 2008 (fol. 62);

"iii. Ittra b'letter head ta' Tauris Managements Services Ltd li titratta dwar qliegh li kellu Rogerson (fol. 68);

u li suppost li jirrelataw ghad-danni li Rogerson kien qieghed ighid li sofra.

---

[5] Il-konvenuta stess fir-raba' eccezzjoni ddikjarat li "… *jrid ukoll jigu ppruvati d-danni allegatament sofferti minn Malcolm Rogerson*" (fol. 15). Eccezzjoni li qatt ma giet irtirata.

[6] Paragrafu 56 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

> "Min-naha tal-konvenuta ma kellha l-ebda opportunita li tikkontrolla dak li hemm dikjarat f'dawn id-dokumenti, li skond il-ligi m'humiex prova tal-kontenut (ara Artikoli 627 u 628 tal-Kap. 12). Is-socjeta konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li tharrek lill-awturi ta' dawn id-dokumenti u kienet ghal kollox estraneja ghan-negozjati li saru bejn l-attrici u Rogerson[7]. L-oneru tal-prova kien tal-attrici. Hu veru li l-awturi tad-dokumenti huma kollha barranin li jghixu barra minn Malta, pero' min-naha l-ohra hu veru wkoll li dawn qeghdin kollha fi Stat Membri tal-Unjoni Ewropea u fir-rigawrd ta' liema japplika Regolamenti 1206/2001 ghal smiegh ta' xhieda f'*cross border litigation* per ezempju bl-uzu tat-tekonolgija (per ezempju ara paragrafu 10).
>
> "Jista' jsir l-argument li gialadarba fil-kors tal-gbir tal-provi l-konvenuta m'ghamlet l-ebda osservazzjoni dwar id-dokumenti li pprezentat l-attrici, ma kinitx qeghda tezigi li ssir prova dwar dak li jinghad fihom. Il-qorti ma taqbilx. Fir-raba' eccezzjoni l-konvenuta ghamlitha cara li l-attrici kellha taghti prova tad-danni li sofra Rogerson. Eccezzjoni li ghadha hemm. F'dak ix-xenarju l-attrici kellha l-obbligu li tressaq il-provi. Fic-cirkostanzi l-qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn m'hemmx prova li Rogerson sofra danni."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma l-ewwel kap tas-sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi, fejn iddecidiet li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-incident li sehh fit-30 ta' Awwissu, 2008 fil-kamra 2630 tal-lukanda Radisson Golden Sands Resort, meta waqghet parti minn *coving* minn mas-saqaf, tibdel it-tieni parti tad-*decide* billi tilqa' it-tieni parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-kumpaniija konvenuta hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess Malcolm Rogerson li ghalihom ghamlet

[7] Patrick Muscat, ufficjal tal-attrici, xehed li "Sakemm wasalna ghal figura ta' €10,000 ma nfurmajniex lil Spot On, izda infurmajnihom wara u dan b'ittra fit-23 ta' Gunju 2010 fejn tajnihom kopja tad-dokumentazzjoni kollha" (seduta tad-9 ta' Mejju 2012).

tajjeb is-socjeta` attrici u konsegwentement tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpanija appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta Spot On Gypsum Limited li permezz taghha talbet lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell principali interpost mis-socjeta` Middlesea Insurance plc u tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija fis-7 ta' Ottubru, 2015, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-tieni u t-tielet talba tas-socjeta` attrici u tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel talba taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta talbet ukoll li din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali mressaq minnha billi tirrevoka l-ewwel parti tal-ewwel talba tas-sentenza appellata u tikkonfermaha rigwardanti l-kumplament tat-talbiet ossia t-tieni parti tal-ewwel talba, it-tieni u t-tielet talba tas-socjeta` Middlesea Insurance plc u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` Spot On Gypsum Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Middlesea Insurance plc.

7. Rat ir-risposta tas-socjeta` Mapfre Middlesea plc ghar-rikors tal-appell incidentali ta' Spot On Gypsum Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tichad l-appell incidentali mressaq mill-kumpanija Spot On Gypsum Limited u dan minghajr pregudizzju ghall-appell gia` interpost mis-socjeta` attrici.

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-smigh tal-kawza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

10. Illi din il-kawza saret konsegwenti ghal incident li sehh f'lukanda meta bicca *gypsum coving* waqghet mis-saqaf tal-kamra fejn kien allogjat Malcolm Rogerson u billi giet fuq rasu waqt li kien rieqed u korrietu, is-socjeta` attrici bhala s-socjeta` assiguratrici tal-lukanda in kwistjoni, kellha taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-istess Rogerson, kwindi giet surrogata fid-drittijiet tieghu. Ghalhekk qeghda ssir il-kawza odjerna fil-konfront tas-socjeta` konvenuta li kienet responsabbli mill-imsemmija xoghlijiet, u kwindi jinghad li ghandha twiegeb ghad-danni li sehhew konsegwenza tax-xoghol li hija wettqet b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' diligenza, u/jew li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u ghalhekk hija responsabbli skont il-ligi.

11. Is-socjeta` konvenuta cahdet kull responsabbilità ghall-allegati danni peress li ma kkawzat l-ebda hsara lil Malcolm Rogerson; peress li x-xoghol imwettaq minnha sar skont is-sengha u l-arti; il-hsarat ma sarux

tort is-socjeta` konvenuta, izda htija tal-lukanda; jridu jigu ppruvati l-allegati danni subiti mill-imsemmi Rogerson; ma hemm ebda relazzjoni diretta bejn is-socjeta` konvenuta u Malcolm Rogerson u dan skont il-principji generali tad-danni akwiljani; il-hsarat li seta' sofra l-istess Rogerson ma kinux rizultat tax-xoghol minnhom intrapriz, izda ghal ragunijiet ohra estraneji ghas-socjeta` konvenuta; tikkontesta l-ammont imhallas mis-socjeta` attrici u tghid li mhix responsabbli thallas l-ammont unilateralment deciz u mhallas mis-socjeta` attrici u barra minn hekk, l-istess Rogerson jallega nuqqas ta' ezami serju min-nies fil-klinika u fl-isptar Malti.

12. L-ewwel Qorti, filwaqt li ddikjarat lis-socjeta` konvenuta bhala responsabbli ghall-incident li sehh fit-30 ta' Awwissu, 2008, meta waqghet parti minn *coving* minn mas-saqaf u laqtet lil Malcolm Rogerson, izda cahdet il-kumplament tat-talbiet attrici, gialdarba m'hemmx prova li Rogerson sofra danni. Spejjez a karigu tas-socjeta` attrici.

13. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha peress li tqis li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-principji legali dwar l-ahjar prova, meta ddecidiet li tinjora l-provi dokumentali li pproduciet is-socjeta` attrici ghaliex ma kinux ikkonfermati bil-gurament. Hija tirreferi ghar-rapporti medici esebiti in atti maghmula minn tobba kwalifikati, mahruga kemm mill-poliklinika u

l-isptar lokali, kif ukoll mill-konsulent newrologu Dr. William Durward u Dr. John Higgon, Consultant Clinical Neuropsychologist, li minnhom jirrizulta l-griehi li sofra Malcolm Rogerson in segwitu ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll il-konsegwenzi li garrab. Ghalkemm is-socjeta` assiguratrici appellanti tikkoncedi li l-ligi (Artikolu 559 tal-Kap. 12) tipprovdi li l-Qorti ghandha tordna li ssirilha l-ahjar prova li parti tista' ggib, dan ma jfissirx li jekk issir prova ohra li mhix l-ahjar wahda, li tigi skartata, wara kollox waqt il-gbir tal-provi, s-socjeta` konvenuta ma qajmet ebda dubju dwar il-veracita` tad-dokumenti, ma kkontestatx il-prova dwar id-danni u lanqas ressqet prova kuntrarja. Wara kollox, issostni li fil-process civili, a kuntrarju ta' dak kriminali, ir-regola tal-ahjar prova dejjem giet interpretata fis-sens li wiehed ghandu jressaq l-ahjar prova sabiex jikkonvinci lill-Qorti sal-prova tal-bilanc tal-probabbilta`, liema grad ta' prova huwa bizzejjed. Sabiex tigi skartata ghal kollox il-prova mressqa, kif sar mill-ewwel Qorti, jrid necessarjament ikun hemm xi fatt li jnaqqsu l-probabbilita` u jdahhlu suspett f'mohh il-Qorti. Is-socjeta` attrici taghmel referenza estensiva ghall-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik estera dwar l-ahjar prova.

14. Is-socjeta` assiguratrici appellanti titratta wkoll il-*quantum* ta' danni, f'kaz li din il-Qorti tilqa' l-appell taghha. Filwaqt li taghmel referenza mill-gdid ghar-rapporti medici esebiti in atti, tirreferi wkoll ghad-dokumenti tal-qligh ta' Malcolm Rogerson bhala konsulent *self-employed* fl-industrija taz-zejt, li minnhom jirrizulta t-tnaqqis fil-qligh wara l-incident, kemm

peress li wara l-incident ghamel zmien fejn ma hadem xejn, kif ukoll peress li ghamel zmien jahdem inqas sighat u konsegwentement kellu paga ridotta. Il-fatt li Rogerson baqa' jahdem mhux rilevanti, peress li l-gurisprudenza lokali hija mizghuda b'kazijiet fejn persuna li ssofri danni permanenti rizultat ta' incident, xorta ghandha tinghata kumpens, anki jekk issib xoghol ahjar. Tishaq li l-hlas li hija ghamlet lil Rogerson ma sarx b'mod frivolu, izda wara ezami komprensiv, korrispondenza kontinwa u negozjati sabiex ghamlu dak kollu li setghu sabiex jimminimizzaw it-telf. Ghalkemm id-danni reklamati minn Rogerson kienu jaghmlu total ta' £21,262.26, oltre spejjez u drittijiet legali u spejjez medici, hija wettqet hlas ta' £10,000 a saldu kemm tad-danni sofferti minn Rogerson, kif ukoll tal-ispejjez kollha, kemm dawk legali, kif ukoll dawk medici. Hija ssostni li mxiet b'ghaqal meta waslet f'kompromess fi zmien qasir, sabiex ma jizdiedux l-ispejjez u rnexxielha tiftiehem fuq ammont inqas minn dak originarjament mitlub. Il-fatt li sar il-hlas mis-socjeta` appellanti gie kkonfermat bil-gurament minn zewg rapprezentanti taghha. Tishaq li gialdaraba l-hlas kellu jsir u fil-fatt sar in segwitu ghall-incident li tieghu s-socjeta` konvenuta nstabet responsabbli, il-konsegwenza naturali kellha tkun li l-istess socjeta` konvenuta kellha tigi kkundannata thallas l-ammont mitlub.

15. Filwaqt li s-socjeta` konvenuta twiegeb ghall-appell principali, fis-sens li tikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament xieraq tal-fatti,

meta cahdet l-ahhar zewg talbiet attrici, ssostni li din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba leggerment l-ezercizzju mwettaq mill-ewwel Qorti, peress li ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi bizzejjed. Filwaqt li hija taghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza dwar il-piz probatorju, il-valutazzjoni tal-provi u l-element ta' diskrezzjoni ezercitata mill-gudikant, fosthom sentenzi fejn inghad li certifikat mediku mhux konfermat bil-gurament, ma jikkostitwix l-ahjar prova.

16. Is-socjeta` konvenuta pprevaliet ruhha mill-appell principali sabiex ressqet l-appell incidentali taghha minn dik il-parti tas-sentenza appellata tas-7 ta' Ottubru, 2015, sa fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel parti tal-ewwel talba attrici, fejn iddikjaratha responsabbli ghall-incident li sehh fit-30 ta' Awwissu, 2008. Hija ssostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi sabiex waslet ghall-konkluzjoni li hija kienet responsabbli ghall-incident. Tirrileva li l-incident sehh tliet snin wara li tlesta x-xoghol, li allura jfisser li kien skada d-*defects liability period* kif stabbilit fil-kuntratt ta' appalt. Issostni li ma hemm ebda prova in atti li jista' jwassal sabiex tigi attribwita r-responsabbilita` ghall-incident, anzi hemm dubji u fatti li juru l-oppost. Hija tistaqsi kif il-bicca *cornice* li waqghet baqghet intatta u ma nkisritx allavolja suppost li waqghet mill-gholi. Tghid ukoll li l-lukanda xtraw madwar mitejn metru *coving* li twahhlu mill-haddiema tal-istess lukanda, kwindi ma tirrizultax prova inekwivoka li l-*coving* li waqa' kien effettivament twahhal minnha. Punt iehor importanti li rrizulta huwa li kien

ghaddej xoghol strutturali fis-sular ta' fuq l-imsemmija kamra fejn sar l-allegat incident fejn kien dahal hafna ilma. Inoltre jinghad li l-istess espert tekniku nominat mill-ewwel Qorti rrileva li "*ma giex ippruvat illi l-istess coving weggghet lil Rogerson bil-mod kemm fil-fatt gie allegat...fil-fehma tieghu ma giex ippruvat b'mod konvincenti kemm fil-fatt wegga' Rogerson a kawza tal-incident.*" - konkluzjoni li ma setghetx tigi skartata leggerment mill-Qorti. Is-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment, tistaqsi l-ghala hija ma gietx infurmata dakinhar stess tal-incident u ma ntweriex lilha l-*coving* li waqa'; ghaliex inzammet fil-ghama dwar il-pretensjonijiet ta' Rogerson; ghaliex inzammet mistura d-decizjoni tas-socjeta` attrici li thallas is-somma ta' €12,277.47; issostni li kieku l-*coving* ma twahhalx sew, kienu jaqghu aktar bicciet. Tinsisti li kien hemm problemi ta' "*settlement*" tal-bini, kif ukoll ta' dhul tal-ilma, li seta' facilment halla l-effett bhal dak allegat fl-incident in kwistjoni. Izda kien nuqqas tas-socjeta` attrici li ma nfurmathiex bil-pretensjonijiet ta' Rogerson, sabiex taghti r-reazzjonijiet taghha u sabiex tkun f'pozizzjoni li tahtar esperti tal-fiducja taghha li jezaminaw dak kollu li gie allegat, inkluz il-griehi. Kwindi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemha meta waslet ghad-decizjoni zbaljata fejn sabitha responsabbli ghall-incident.

17. Jinhass xieraq li l-ewwel jigi trattat l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta, peress li sa fejn dan jattakka l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` taghha ghall-incident in kwistjoni, jekk kemm-il

darba jinstab li hija ghandha ragun, dan ifisser li hija ghandha tigi mehlusa mill-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici fil-konfront taghha u l-kaz jista' jieqaf hemm.

18. Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn is-socjeta` konvenuta ssejjes l-appell incidentali taghha fuq l-argument li l-incident sehh wara d-*defects liability period* bhala wiehed inkongruwu. Id-*defects liability period* f'kuntratt ta' appalt ghandu jinftiehem bhala perjodu li fih kuntrattur huwa obbligat li jaghti rimedju ghal xi difetti li jistghu johrogu f'dak iz-zmien. Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, l-azzjoni attrici hija msejsa fuq il-kwazi-delitt, senjatament l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha, kwindi r-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejn is-socjeta` konvenuta u l-lukanda fil-kuntest ta' kuntratt t'appalt ma ticcentrax fil-parametri tal-kawza.

19. Sewwa osservat l-ewwel Qorti li l-fatt li l-perit inkarigat mill-progett tal-bini tal-lukanda hareg certifikat ta' *practical completion,* m'ghandux jittiehed bhala certifikat ta' garanzija li kull fejn sar ix-xoghol ta' *gypsum* da parti tas-socjeta` konvenuta, sar sew. Huwa ritenut li certifikat ta' *practical completion* fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt ghandu l-iskop li jigi likwidat il-bilanc li jista' jkun dovut lill-kuntrattur u m'ghandux jittiehed bhala certifikat li jehles lill-kuntrattur mill-obbligi kuntrattwali jew legali

tieghu. Wara kollox, huwa principju assodat li min jippresta opra ghandu jezegwiha skont kif titlob is-sengha u l-arti (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur Generali tax-Xoghlijiet Pubblici v. Charles Azzopardi).** Hekk ukoll l-Artikolu 1038 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull min jindahal ghal xoghol bla ma jkollu l-hila mehtiega ghalih ghandu jwiegeb ghall-hsara li jikkaguna lil haddiehor, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu.

20. In kwantu s-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment tpoggi fid-dubju jekk effettivament waqghetx il-*coving* ghaliex ma kienx hemm frak u bicciet fil-kamra, mix-xhieda ta' Ray Spiteri, night manager fil-lukanda Radisson Golden Sands jirrizulta li, dakinhar tal-incident, nizlu Malcolm Rogerson flimkien mal-mara tieghu fil-5 ta' filghodu, li kienu fi stat ta' *shock,* jilmentaw li waqghet bicca *gypsum* fuqu u li kellu "*a cut and swollen cheekbone".* Huwa jixhed li tela' fil-kamra u sab li kien hemm bicca *coving* "*li waqghet mis-saqaf tal-kamra fuq in-naha tat-tistiera tas-sodda ta' Malcolm Rogerson*. *Niftakar li din il-bicca gypsum kienet ta' certu toqol. Fuq struzzjonijiet tieghi tela' mpjegat iehor tal-lukanda biex inaddaf u jnehhi kull perikolu iehor li seta' kien fadal. Naf li tnehhiet xi bicca coving ohra li kienet fil-perikolu li taqa'."* (Ara wkoll night handover report datat 30 ta' Awwissu, 2008, esebit minn Ray Spiteri bhala Dok.RS1 a fol. 97 tal-process u r-ritratt tal-bicciet tal-*gypsum* fl-art tal-kamra mehuda proprju fil-gurnata tal-incident). Il-fatt li waqghet bicca *coving*

huwa kkonfermat ukoll minn Neville Clarke Bunting, *security officer* fl-istess lukanda, li wkoll tela' fil-kamra ta' Rogerson. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddubita din ix-xhieda tal-impjegati tal-lukanda.

21. Is-socjeta` konvenuta, permezz tax-xhieda tad-diretturi Anthony Abela u Jesmond Abela, tittanta titfa' dubju wkoll dwar jekk il-*coving* li waqa' kienx twahhal minnha jew minn kuntratturi ohra li dahlu sabiex jassistu fit-tlestija tax-xoghlijiet jew sahansitra jekk twahhlux minn impjegati tal-lukanda li xtrat diversi metri zejda ta' *coving.* Izda mix-xhieda in kontro-ezami tal-Inginier Ray Vassallo (fol. 221 tal-process) jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hadmet fuq Blokk A u Blokk B, filwaqt li l-kuntrattur l-iehor dahal jahdem fuq Blokk iehor. Xehed ukoll li, Blokk B level 6 fejn sehh l-incident, kienet wahhlitu proprju l-istess socjeta` konvenuta. Hawn ukoll din il-Qorti ma tarax raguni valida li twarrab ix-xhieda tal-Inginier Vassallo. Dan jinghad ukoll fid-dawl tax-xhieda ta' Edward Kenneth Beattie (fol. 222).

22. Sa fejn is-socjeta` konvenuta tpoggi fid-dubju r-raguni ghala waqghet il-*coving,* hija tikkontendi li peress li kien ghadu ghaddej xoghol strutturali fis-sular ta' fuq il-kamra fejn sehh l-incident, dan wassal ghad-dhul tal-ilma, kif ukoll strah il-bini u kienu dawn il-fatturi li fil-fehma taghha wasslu ghall-kawza tal-incident. Din it-tezi tas-socjeta` konvenuta ghal

darb'ohra tinsab kontradetta mix-xhieda tal-Inginier Ray Vassallo (Dok. MS 26 a fol. 102) li xehed li l-fatt li ma kienx hemm kolla mwahhla mal-bicca *coving* li waqghet, izda kien hemm kolla mwahhla mal-hajt kienet indikazzjoni cara li l-problema ma kinitx fil-kolla jew l-adezjoni taghha mal-hajt, izda l-adezjoni taghha mal-*coving.* Kunsidrat li qabel ma bdiet ix-xoghlijiet is-socjeta` konvenuta ghamlet testijiet fuq il-kolla, fil-fehma tal-Inginier, ir-raguni ghala l-kolla ma zammitx il-*coving* kienet li jew il-*coving* kien ghadu frisk u ma nixifx sewwa meta twahhal, jew inkella kien hemm it-trab fuq il-coving meta twahhal. Dan jinsab ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Pierre Micallef, *assistant architectural designer* fl-istess lukanda: "*Jien innotajt li kien hemm nuqqas ta' bonding bejn il-kolla u l-gypsum coving li kienet waqghet tant illi fil-parti l-kbira l-kolla baqghet imwahhla mal-hajt. Jidher ghalhekk illi l-coving ma kienx ippreparat sewwa biex jircievi l-kolla fuqu."* Hekk ukoll mill-konkluzjoni tal-perit inkarigat mill-ewwel Qorti, jirrizulta:

> *"c) Illi gie ppruvat illi parti mill-cornices kienu ghadhom ma nixfux meta twahhlu, u l-coving li waqghet ma kellix kolla maghha li tindika illi l-istess kienet nixfa qoxqox, jew kienet ixxrinkjat meta nixfet u b'hekk qatghet il-kolla."*

23. Ghalhekk din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tinsab sodisfatta dwar il-kawza li wasslet ghall-incident. Barra minn hekk, ghalkemm is-socjeta` tikkontendi li seta' kien li strah il-bini u d-dhul tal-ilma bhala l-kawza ghala waqghet il-*coving,* effettivament ix-xhud imressaq minnha stess li sostna din l-ipotesi, Edward Kenneth Beattie, in kontro-ezami jikkoncedi: "*In my*

*affidavit I refer to some guest rooms where there was water penetration, but it was not the room where the accident took place. There was also some settlement, I was referring to other parts of the building and not that particular room."* Isegwi li t-tezi tas-socjeta` konvenuta dwar il-kawza tal-accident ma tregix.

24. Fir-rigward tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, is-socjeta` konvenuta ssostni li l-ewwel Qorti ma messiex skartat il-konkluzjoni tal-espert tekniku. Jigi nnutat li apparti li s-socjeta` konvenuta tislet silta biss mill-konkluzjonijiet tal-perit, dik dwar in-nuqqas ta' provi dwar kemm Rogerson effettivment wegga' a kawza tal-incident u l-estent tad-danni, li strettament hija materja legali, hija tonqos milli taghmel referenza ghall-konkluzjoni tal-perit tekniku fejn jinghad minnu li l-ewwel talba attrici giet ippruvata *in parte*. Ta' min ifakkar ukoll li, l-perit tekniku wera l-fehma li l-*covings* kellhom mill-bidu jitwahhlu bil-viti, minbarra li tintuza l-kolla. Dan jixhed nuqqas fl-ezercizzju tas-sengha da parti tas-socjeta` konvenuta. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli fis-sentenza appellata sa fejn l-ewwel Qorti addottat il-konkluzjoni tar-rapport tal-perit fir-rigward ta' x'wassal ghall-incident in kwistjoni, izda l-materja ta' kemm Rogerson wegga' u jekk ikun il-kaz, l-estent tad-danni huma materja li ser jigu trattati taht l-aggravju principali tas-socjeta` attrici.

25. Jonqos li jigi trattat l-ilment tas-socjeta` konvenuta li jitratta n-nuqqas li tigi nfurmata dwar l-incident. Jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Inginier Ray Vassallo li kien baghat ghall-wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Jirrizulta wkoll li dan ma kienx l-uniku episodju ta' bicca *coving* li waqghet kif jirrizulta mix-xhieda ta' diversi mpjegati tal-lukanda (ara xhieda Raymond Spiteri u Neville Clarke Bunting), kif ukoll minn korrispondenza esebita bhala Dok. "PM1", datata 6 ta' Lulju, 2009, fejn jinghad:

> *"<u>There seems to be a problem again with the adhesion of the coving</u>. Yesterday we had 2 lengths of cove which fell off from the bedroom of room 2619, while guests were inside the room."*

Inoltre mix-xhieda in kontro ezami tal-istess Anthony Abela, jirrizulta li ghalkemm ma ssejjahx dakinhar tal-incident, huwa kien issejjah xi gimgha wara fejn gie muri ritratt ta' bicca coving mal-art fl-ufficcju tal-maintenance. Hekk ukoll, konfrontat bil-korrispondenza hawn qabel citata, jikkonferma li waslet ghandu u li kien wara li rceviha li ttiehdet id-decizjoni flimkien mal-inginier tal-lukanda li l-*coving* jitwahhal ukoll bil-viti u filwaqt li tal-lukanda pprovdew il-viti huma pprovdew il-*labour at no cost* (ara fol. 149 u 150 tal-process).

26. Huwa minnu li mill-provi ma jirrizultax li s-socjeta` attrici nfurmat lis-socjeta` konvenuta bil-pretensjonijiet ta' Rogerson, dwar in-negozjati li kienu ghaddejjin jew id-decizjoni taghha li thallas €12,277.47 a saldu.

Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` attrici setghet gharrfet lis-socjeta` konvenuta bil-pretensjonijiet ta' Rogerson u n-negozjati relattivi, madankollu, dan ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta tista' tezimi ruhha mir-responsabbiltajiet taghha. Dan ifisser biss li s-socjeta` konvenuta kellha twettaq l-iskrutinju taghha waqt il-kawza. Ghalhekk l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta ma jistax jitqies bhala gustifikat u ser jigi michud.

27. Imiss li jigi trattat l-appell principali tas-socjeta` attrici. L-ewwel aggravju principali jitratta l-principju ta' l-ahjar prova. Il-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, dak li fil-gurisprudenza taghna, jigi deskritt bhala *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu, li fl-istess provvediment jinghad li, l-Qorti ghandha dritt tesigi li titressaq l-ahjar prova, izda l-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti, li kif osservat mill-istess Qorti m'humiex guramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduci l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited.**)

28. Tabilhaqq is-socjeta` attrici, permezz tan-nota taghha tal-25 ta' Ottubru, 2010, ressqet lista tax-xhieda u ezebiet lista shiha ta' dokumenti (mhux guramentati) in sostenn tal-pretensjonijiet taghha. Ghalkemm hija ndikat li kellha l-hsieb li tressaq bhala xhieda lil Malcolm Rogerson, kif ukoll lit-tobba li nvistawh kemm Malta, kif ukoll barra minn Malta, sabiex jixhdu dwar il-korriment ta' Rogerson u d-danni minnu sofferti, sfortunatament is-socjeta` attrici ma ressqitx dawn ix-xhieda. Madankollu jigi osservat ukoll li s-socjeta` konvenuta qatt ma kkontestat il-validita` tad-dokumenti mressqa mis-socjeta` attrici, hlief fl-istadju tan-nota tas-sottomissjonijiet. Fil-fatt ghalkemm xehdet diversi drabi Melanie Camilleri, Senior Executive mas-socjeta` attrici li ghamlet referenza estensiva ghad-dokumenti esebiti in atti, esebiet dokumenti ulterjuri u sahansitra sarilha l-kontro-ezami, qatt ma saret kontestazzjoni fir-rigward tal-awtenticita` tal-imsemmija dokumenti.

29. Kwindi ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa ta' ghajb in-nuqqas tas-socjeta` attrici fir-rigward, din il-Qorti ma tistax twarrab l-ammont konsiderevoli ta' dokumenti li hija ressqet, minkejja n-nuqqas li dawn jigu debitament guramentati, daqslikieku ma ressqet prova ta' xejn. Hekk per ezempju nghad minn din il-Qorti (sede inferjuri) fis-sentenza taghha tal-10 ta' Marzu, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Allied Insurance Agency nomine v. Evellina Borg Grech:**

> *"Ilment konsimili kien gja gie sollevat drabi ohra. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Camilleri –vs-Leone Pillow", 7 ta' Ottubru 1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "l-konferma bil-gurament mhiex rekwizit sine qua non ghall-ammissibilita` bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel". Dan b'referenza ghall-iskizz u r-rapport tas-Surgent li jkun investiga l-kaz u li bhala recorder tar-'res gestae' kien fid-dover tieghu, bhala parti mill-investigazzjoni, li jaghmel."* (sottonlinjar ta' din il-Qorti).

Wara li din il-Qorti rat mill-gdid id-dokumenti kollha, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li rizultat tal-accident tat-30 ta' Awwissu, 2008, fejn waqghet il-*coving,* skont ir-rapport esebit mal-affidavit ta' Ray Spiteri *night manager* fil-lukanda *a tempo vergine,* Rogerson spicca kellu "*a cut and swollen cheek*" (Dok. RS1 a fol. 97). Mhux dubitat anqas li konsegwenti ghall-incident Robertson, fuq parir tat-tabib tal-lukanda, ghall-ewwel gie nvistat fil-poliklinika tal-Mosta (ara fol. 42) u minn hemm ntbaghat ghal X-Ray, fl-isptar Mater Dei. Ladarba Rogerson mar lura l-Iskozja fit-8 ta' Settembru, 2008, bdiet il-korrispondenza mal-lukanda fejn ilmenta minn diversi sintomi konsegwenti ghall-incident (Dok MS 6D a fol. 204), li kienet segwita b'korrispondenza legali.

30. Kwindi l-lukanda fethet *claim* mas-socjeta` assiguratrici (Dok. MS6A fol. 202). Kien bi ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konsulenti legali ta' Rogerson li gie appuntat Dr. William Durward bhala konsulent newrologu (fol. 45-47 tal-process). Mir-rapport tal-konsulent newrologu tal-14 ta' April, 2009 jirrizulta li Rogerson sofra minn "*local injury (fracture*

*of cheekbone, zygoma) and damage to right infra-orbital nerve. In addition he appears to have sustained secondary soft tissue injury to cervical spine. However his most significant injury is considered to be diffuse brain injury of concussive type.”* Huwa rrakomanda li tittiehed MRI u li jarah newropsikologu. Wara li ttiehdet l-MRI u sar ir-rapport tal-newropsikologu Dr. John Higgon (esebit a fol. 70), sar ir-rapport supplimentari ta' Dr. Durward (fol. 60) tal-4 ta' Novembru, 2009, fejn jinghad:

> *“Dr. Higgon comments..that “Mr. Rogerson qualifies for a diagnosis of post- concussion syndrome by virtue of his headaches, his possibly impaired memory (relative to presumed pre-morbid levels), his sleep disturbance and his irritability, of which he is not aware but his wif has noticed.*
> *“Dr. Higgon further comments...”However, if he wants to continue working he certainly has enough capacity to manage this”...”but he might need to make more use of simple compensatory strategies for work”...”There would be no shame in making a few written notes in future.*
> *“Thus I determine that Dr. Higgon is in broad agreement with me about Mr. Rogerson's brain injury sustained on 30th August, 2008.* ***We agree that on that occasion Mr. Rogerson has sustained brain injury of concussive type.”*** (enfasi ta' din il-Qorti).

31. Wara li din il-Qorti rat dawn ir-rapporti medici, hija tinsab konvinta fuq bilanc ta' probabbilita` li l-incident in kwistjoni wassal ghall-konsegwenzi msemmija fl-istess rapporti, u minkejja li dawn ma kinux guramentati, l-ewwel Qorti kellha xorta tiehu qies taghhom u mhux tiskartahom kompletament, kunsidrat in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tikkontesta l-imsemmija dokumenti jew li tressaq prova kuntrarja li tpoggi f'dubju dawn l-istess dokumenti. Ma tirrizulta ebda raguni l-ghala din il-

Qorti ghandha tiddubita l-veracita` tal-imsemmija rapporti medici u ghalhekk din il-Qorti hija propensa li tqis l-istess provi bhala relevanti u taccetta li l-incident wassal sabiex Rogerson garrab hsara, li ghalih ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tilqa' dan l-aggravju tas-socjeta` attrici, b'dan illi tiehu l-provvediment opportun fir-rigward tal-ispejjez, fid-dawl tan-nuqqas tas-socjeta` attrici.

32. Maghmula l-konsiderazzjoni fil-paragrafu precedenti, jonqos li jigi trattat il-*quantum* tad-danni. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti li l-incident in kwistjoni kellu effett fuq Rogerson, kemm peress li wara l-incident ghamel perjodu qasir fejn ma hadimx, kif ukoll li sussegwentement hadem fuq bazi ta' hin imnaqqas. F'dan ir-rigward jirrizulta li mill-korrispondenza (fol. 68) mahruga minn Taurus Management Services Limited li kienet taghmel uzu mill-konsulenza ta' Rogerson, li huwa waqaf jahdem bejn Settembru 2008 u nofs Frar 2009 u hadem b'hin ridott bejn nofs Frar 2009 u Gunju 2009. Min-naha l-ohra, Dr. Durward hareg dikjarazzjoni (fol. 69) fejn jinghad hekk: "*I consider that it was reasonable that Mr. Rogerson was unable to work from September to December 2008, followed by part-time working in January 2009 and returning to full-time work in February 2009.*" Huwa fid-dawl ta' din l-ahhar stqarrija li jridu jigu ezaminati d-dokumenti mibghuta lill-assigurazzjoni (ara Dok MS19C u Dok MS19D a fol. 62 u 63 tal-process, kif ukoll Dok.

MS 20 A a fol. 68) li wasslu ghall-pretensjoni originali ta' Rogerson ghal total ta' £21,262.26 (ara fol. 55).

33. Isegwi li l-ftehim bejn is-socjeta` attrici u Rogerson jew id-*Discharge and Subrogation Form* (esebit mar-rikors promotur bhal Dok. MS1 a fol. 5 tal-process) li wassal ghall-hlas li ghamlet is-socjeta` attrici fl-ammont ta' £10,000 (Dok. MS 21 a fol. 76) qajla jista' jitqies bhala esagerat jew irragonevoli. Hekk ukoll din il-Qorti hija sodisfatta li dan il-pagament sehh hekk kif ikkonfermat miz-zewg rapprezentanti tas-socjeta` attrici (ara xhieda ta' Patrick Muscat a fol. 171 u ta' Melanie Camilleri a fol. 182 tal-process). Isegwi li dan l-aggravju wkoll jimmerita li jintlaqa' in kwantu din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-hlas li ezegwiet is-socjeta` assiguratrici jirrifletti d-danni mgarrba konsegwenti ghall-incident tat-30 ta' Awwissu, 2008, li ghalih is-socjeta` konvenuta hija ritenuta responsabbli.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali tas-socjeta` attrici u mill-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta billi:

i. tichad l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta;

ii. tilqa' l-appell principali tas-socjeta` attrici u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha safejn

iddikjarat lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident tat-30 ta' Awwissu, 2008, fil-kamra 2630 tal-lukanda Radisson Golden Sands Resort, meta waqghet parti minn coving minn mas-saqaf u laqtet lil Malcolm Rogerson u thassarha fil-bqija u minflok tilqa' it-talbiet attrici fis-shih u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess Malcolm Rogerson, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici u ghal liema somma s-socjeta' attrici tinstab illum surrogata;

iii. tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' tnax-il elf, mitejn sebgha u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€12,277.47), bl-imghax minn dakinhar li saret talba ghall-hlas b'att gudizzjarju.

iv. Bl-ispejjez tal-prim'istanza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, l-ispejjez ghall-appell incidentali jithallsu mis-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-ispejjez tal-appell principali jinqasmu wkoll ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr